

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/42****tat-8 ta' Novembru 2021****li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti massimi nazzjonali u tal-limiti massimi netti għall-pagamenti diretti għal ċerti Stati Membri għas-sena kalendarja 2022**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 <sup>(1)</sup>, b'mod partikolari l-Artikoli 6(3) u 7(3) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont ta' pagamenti diretti li jingħataw lill-bdiewa għal sena kalendarja partikolari, skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu III ta' dak ir-Regolament, għall-inqas b'5 % għall-parti tal-ammont li taqbeż EUR 150 000. F'konformità mal-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament, il-prodott stmat ta' dak it-tnaqqis għandu jsir disponibbli bħala appoġġ addizzjonali għall-miżuri li jaqgħu taħt l-iżvilupp rurali.
- (2) F'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Istati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2021 dwar id-deċiżjoni tagħhom dwar it-tnaqqis tal-ammont tal-pagamenti diretti u tal-prodott stmat riżultanti tat-tnaqqis għas-sena kalendarja 2022. In-notifiki tal-Bulgarija, taċ-Ċekja, tad-Danimarka, tal-Estonja, tal-Irlanda, tal-Greċja, ta' Spanja, tal-Italja, tal-Latvja, tal-Ungerija, tan-Netherlands, tal-Polonja, tal-Portugall, tas-Slovakkja u tal-Finlandja indikaw stima akbar minn zero.
- (3) F'konformità mas-seba' subparagrafu tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-Belġju, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Franza, il-Latvja u n-Netherlands innotifikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2021 dwar id-deċiżjoni tagħhom li jagħmlu disponibbli, bħala appoġġ addizzjonali ffinanzjat taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) fis-sena finanzjarja 2023, ċertu perċentwal tal-limitu massimu nazzjonali annwali tagħhom għas-sena kalendarja 2022.
- (4) F'konformità mas-seba' subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-Kroazja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, u l-Portugall innotifikaw lill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2021 dwar id-deċiżjoni tagħhom li jagħmlu disponibbli, bħala pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2022, ċertu ammont mill-allokazzjoni tal-FAEŻR tagħhom għall-2023.
- (5) Għaldaqstant, huwa meħtieġ li l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jiġu adattati biex il-limiti massimi nazzjonali annwali u l-limiti massimi netti annwali għall-pagamenti diretti jirriflettu d-deċiżjonijiet meħuda mill-Belġju, mill-Bulgarija, miċ-Ċekja, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Estonja, mill-Irlanda, mill-Greċja, minn Spanja, minn Franza, mill-Kroazja, mill-Italja, mil-Latvja, mil-Lussemburgu, mill-Ungerija, minn Malta, min-Netherlands, mill-Polonja, mill-Portugal, mis-Slovakkja u mill-Finlandja.
- (6) Għalhekk, l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.
- (7) L-emendi li qed isiru b'dan ir-Regolament jaffettwaw l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għas-sena 2022, għaldaqstant dan ir-Regolament jenħtieġ japplika mill-1 ta' Jannar 2022,

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX

L-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, il-kolonna għas-sena kalendarja 2022 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Sena Kalendarja	2022
Il-Belġju	471 996
Il-Bulgarija	797 255
Iċ-Ċekja	848 107
Id-Danimarka	783 029
Il-Ġermanja	4 522 439
L-Estonja	193 576
L-Irlanda	1 186 282
Il-Greċja	1 796 193
Spanja	4 797 439
Franza	6 726 426
Il-Kroazja	403 228
L-Italja	3 628 529
Ċipru	47 648
Il-Latvja	319 140
Il-Litwanja	578 515
Il-Lussemburgu	33 432
L-Ungerija	1 305 715
Malta	5 244
In-Netherlands	609 775
L-Awstrija	677 582
Il-Polonja	3 391 233
Il-Portugall	685 528
Ir-Rumanija	1 919 363
Is-Slovenja	131 530
Is-Slovakkja	396 034
Il-Finlandja	517 532
L-Iżvezja	685 904"

(2) fl-Anness III, il-kolonna għas-sena kalendarja 2022 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Sena Kalendarja	2022
Il-Belġju	472,0
Il-Bulgarija	799,0
Iċ-Ċekja	847,1
Id-Danimarka	782,3

Il-Ġermanja	4 522,4
L-Estonja	193,6
L-Irlanda	1 186,3
Il-Greċja	1 980,2
Spanja	4 856,0
Franza	6 726,4
Il-Kroazja	403,2
L-Italja	3 623,1
Ċipru	47,6
Il-Latvja	318,9
Il-Litwanja	578,5
Il-Lussemburgu	33,4
L-Ungerija	1 275,5
Malta	5,2
In-Netherlands	609,7
L-Awstrija	677,6
Il-Polonja	3 376,7
Il-Portugall	685,6
Ir-Rumanija	1 919,4
Is-Slovenja	131,5
Is-Slovakkja	394,5
Il-Finlandja	517,5
L-Iżvezja	685,9*